# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tad-9 ta' Novembru 2023**

**Talba nru. 303/2020**

**FOCUSED PHARMA LTD (C 67033)**

***VERSUS***

**GLOBAL FREIGHT SOLUTIONS LIMITED (C 65661)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fl-1 ta' Diċembru 2020 (a fol 1 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' elfejn u erba' mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2427.60) rappreżentanti danni inkorsi mis-soċjeta' attriċi rappreżentanti l-valur tal-merkanzija mitlufa mis-soċjeta' konvenuta bl-ispejjeż tal-presenti u bl-imgħax legali.

Ra illi fit-12 ta' Jannar 2021 is-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 6).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ppreżentat ir-risposta tagħha fis-27 ta' Jannar 2021 (a fol. 7) fejn fost oħrajn tali soċjeta' konvenuta indikat ukoll kjamat in kawża u ċioe' lil C&C Express Limited (C 32212).

Ra illi fil-11 ta' Marzu 2021 is-soċjeta' kjamat in kawża u ċioe' lil C&C Express Limited (C 32212) ġiet debitament notifikata (a fol. 13).

Ra illi s-soċjeta' kjamat in kawża u ċioe' lil C&C Express Limited (C 32212) ppreżentat ir-risposta tagħha fis-26 ta' Marzu 2021 (a fol. 16).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-8 ta′ Novembru 2021, is-soċjeta′ attriċi għalqet il-provi tagħha (a fol. 40).

Ra illi fl-14 ta′ Jannar 2021, is-soċjeta′ konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 44).

Ra illi fis-7 ta′ Novembru 2022, is-soċjeta′ kjamat in kawża u ċioe′ lil C&C Express Limited (C 32212) għalqet il-provi tagħha (a fol. 112).

Ra illi fis-7 ta′ Novembru 2022, il-partijiet kollha ddikjaraw li qed jagħlqu l-provi tagħhom (a fol. 112).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Il-ftehim bejn is-soċjeta′ attriċi u s-soċjeta′ konvenuta kien illi s-soċjeta′ konvenuta kellha tipprovdi servizzi ta′ ġarr ta′ merkanzija u dan skond l-affidavit ta′ Keith Galea illi huwa l-unika d-direttur u l-unika azzjonista tas-soċjeta′ attriċi (a fol. 25) u anke u mix-xhieda ta′ Jimmy Cutajar illi huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti fis-soċjeta′ konvenuta (a fol. 41 et seq).

Illi tali ġarr ta′ merkanzija kien għal ħmistax-il kaxxa mediċina u fejn is-soċjeta′ konvenuta qabbdet lis-soċjeta′ C&C Express Limited illi tuża s-servizzi tat-TNT.

Ftehim bejn il-partijiet

Tul il-proċess issemmew diversi ismijiet ta′ soċjetajiet illi setgħu b′xi mod kienu involuti f′dan it-tali ġarr ta′ merkanzija.

Jidher mill-affidavit ta′ Keith Galea illi huwa l-unika d-direttur u l-unika azzjonista tas-soċjeta′ attriċi (a fol. 25) u anke u mix-xhieda ta′ Jimmy Cutajar illi huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti fis-soċjeta′ konvenuta (a fol. 41 et seq) illi l-ftehim ewlieni kien bejn is-soċjeta′ attriċi u s-soċjeta′ konvenuta.

Is-soċjeta′ konvenuta tilmenta fix-xhieda ta′ Jimmy Cutajar illi huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti fis-soċjeta′ konvenuta (a fol. 41) illi hi biss *freight forwarder* b′dan illi x-xogħol tagħha hu illi tagħmel l-arranġjamenti neċesseraji sabiex tinġarr il-merkanzija. B′dan illi pero′ hi din it-tali soċjeta′ konvenuta illi daħlet fi ftehim mas-soċjeta′ attriċi u ħadd iktar. Fil-fatt, Jimmy Cutajar xehed (a fol. 41) illi "*Mela ahna l-pozizzjoni taghna hija ahna Freight Forwarders. Mela bhala Freight Forwarders inqabbdu third parties jaghmlu dak ix-xoghol li hu request. In this case kienet dahlet il-quotation. Ahna kkwotajna u giet accettata*." Ukoll, Jimmy Cutajar xehed għal

darb´oħra fl-14 ta´ Jannar 2022 u stqarr illi "*Mela Focused Pharma kien klijent taghna regolari; kien ilu jahdem maghna s-snin jigifieri. U konna noffrulu s-servizzi ta´ ajru, curier; ahna Freight forwarders, jigifieri li ghandu bzonn. Billi ahna Freight forwarders ahna nixtru s-servizz minn ghand third parties. U t-third party in this case huwa C & C Express*" (a fol. 45). Ukoll, l-emails ippreżentati minn Keith Galea bħala direttur u azzjonista unika tas-soċjeta´ attriċi illi kienu intbagħtu lilu mis-soċjeta´ konvenuta (a fol. 28 sa 38) u kif ukoll meta l-istess emails ġew ippreżentati minn Michael Quattromani bħala Operations Manager tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 61 sa 96) juru biċ-ċar illi kienet is-soċjeta´ konvenuta li kienet dejjem qed tikkomunika mas-soċjeta´ C&C Express Limited u mhux is-soċjeta´ attriċi b´dan illi s-soċjeta´ attriċi ma tista´ qatt tfittex lis-soċjeta´ C&C Express Limited imma biss lis-soċjeta´ konvenuta. Fil-fatt li kieku mhux ghax is-soċjeta´ konvenuta bagħtet kopja tal-korrispondenza bejn is-soċjeta´ konvenuta u s-soċjeta´ C&C Express Limited, is-soċjeta´ attriċi ma kienx ikollha tali viżibilta´ ta´ tali korrispondenza.

<u>Ammont ta´ kaxxi ta´ merkanzija</u>

It-tieni punt ta´ diżgwit bejn il-partijiet kien l-ammont ta´ kaxxi tal-merkanzija. Hemm qbil bejn is-soċjeta´ attriċi u s-soċjeta´ konvenuta illi s-soċjeta´ attriċi irċeviet xogħol hekk imsejjaħ imbabas b´dan illi Keith Galea illi huwa l-unika d-direttur u l-unika azzjonista tas-soċjeta´ attriċi (a fol. 25)fl-affidavit tiegħu qal illi "*Malli tqabbel dan li rcevejna mal-ordni, mill-ewwel indunajt li kien hemm zewg kaxxi neqsin ta´ medicine...Malli rajt dana r-ritratt indunajt mill-ewwel li kien hemm differenza materjali tal-palette hekk kif telqet mir-Repubblika Ceka u hekk kif wasal ghand is-Socjeta´ gewwa l-imhazen tal-Iklin*" (a fol. 25). Ukoll, Jimmy Cutajar illi hu huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti fis-soċjeta´ konvenuta xehed fit-8 ta´ Novembru 2021 illi "*Il-Focused Pharma, uriena on delivery qalli ok ix-xoghol hadu, iffirma ghalih, u ha jiccekjah, bhal dejjem. U qalilna li sab ix-xoghol nieqes. Hu meta tana r-ritratti tal-palett li ngabar u l-pallet li giet konsenjata ma kellhom xejn x´jaqsmu. Jigifieri l-istowage tahha kif init bnejt pallet inbidlet kompletament. U jiena lill-klijent stess ghedtlu; ghedtlu dana x-xoghol infetah; kif intbaghat ma rcivejtux; its straightforward*" (a fol. 42).

Mill-evidenza prodotta quddiem dan it-Tribunal, jidher illi fil-bidu, s-soċjeta´ attriċi rċeviet tlettax-il kaxxa minn ħmistax-il kaxxa b´dan illi kienet wara ftit instabet kaxxa oħra u fejn il-kontestazzjoni bejn il-partijiet kienet jekk kellux ikun hemm erbatax-il kaxxa bħala total jew ħmistax-il kaxxa.

Ray Borg, Chief Executive Officer tas-soċjeta´ C&C Express Limited fl-affidavit tiegħu qal illi "*skond ir-receiver pays – import service li mtliet minn Global Freight Solutions Ltd, din il-konsenja ngabret kienet indikata li kienet tikkonsist fi ´14´ pakketti*" (a fol. 49 u 51). Dan ukoll skond l-affidavit ta´ Michael Quattromani, illi hu Operations Manager tas-soċjeta´ konvenuta, illi qal illi "*intbghat booking ghall-kollezzjoni ta´ erbatax (14)- il kartun*" (a fol. 58).

Biss pero´ l-istess Michael Quattromani fl-istess affidavit hawnhekk imsemmi jkompli jgħid

illi "*intbghat booking ghall-kollezzjoni ta´ erbatax (14)- il kartun minflok himstax (15)-il kartun....fid-disgha u ghoxrin (29) ta´ Lulju tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), jien infrumajt lil C&C Express illi Focused Pharma, li kienet is-socjeta´ li kellha tircievi l-konsenjament, kienu ircevew tlettax (13) minflok hmistax (15)-il kartun...Wara li nstabet din il-kaxxa, bqajna nikkuntattjaw lil C&C Express rigward il-kaxxa li ma nstabitx*" (a fol. 58). B´dan illi fil-fat, Michael Quattromani juri illi l-ammont totali kellu jkun ta´ ħmistax-il kaxxa. Anke Jimmy Cutajar illi hu huwa wieħed mid-diretturi u azzjonisti fis-soċjeta´ konvenuta xehed fit-8 ta´ Novembru 2021 illi "*Jigifieri ahna r-request kienet biex nikwotawlu ghal 15 boxes...Ghal 15 boxes from his supplier ta´ Malta*" (a fol. 41). Ukoll, is-soċjeta´ C&C Express Limited ħallset il-ħsara fl-ammont ta´ disgħa u erbgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 49.85) skond l-emails ippreżentati minn Keith Galea bħala direttur u azzjonista unika tas-soċjeta´ attriċi illi kienu intbagħtu lilu mis-soċjeta´ konvenuta (a fol. 28 sa 38) u kif ukoll meta l-istess emails ġew ippreżentati minn Michael Quattromani bħala Operations Manager tas-soċjeta´ konvenuta (a fol. 61 sa 96) fejn hemm miktub is-segwenti "*Please be advised that the searches has been completed for this shipment and unfortunately the piece can not be located and is now declared as lost. With regards to the missing box please be advised that the claim for the lost consignment will be processed in line with standard liability terms and conditions since there was no insurance taken on this. He standard liability on this amounts to Eur 49.85 which will be paid in the form of a credit note on your account in full and final settlement*." Li kieku s-soċjeta´ C&C Express Limited kienet verament temmen li l-ammont totali ta´ kaxxi kien ta´ erbatax u mhux ħmistax żgur li ma kinux iħallsu xi forma ta´ penali.

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-ammont ta´ kaxxi illi s-soċjeta´ attriċi kellha tirċievi kellu jkun fl-ammont ta´ ħmistax-il kaxxa.

<u>Responsabbilta´ tas-soċjeta´ konvenuta</u>

Is-soċjeta´ konvenuta rreferit għall-*Montreal Convention* sabiex teżonera lilha nnifisha minn kwalunkwe danni sofferti li setgħu kienu sofferti mis-soċjeta´ attriċi. Tali Konvenzjoni tapplika għal Malta *stante* illi Malta hi waħda mill-iffirmatarji ta´ tali Konvenzjoni. Din it-tali Konvenzjoni tapplika meta jkun hemm ġarr ta´ merkanzija bl-ajru. Jidher illi t-TNT jużaw *air freight* b´dan illi allura għandu jkun konkluż illi l-ġarr ta´ merkanzija sar bl-ajru u kif ukoll, ħadd mill-partijiet m´oġġezzjona li tali ġarr ma sarx bl-ajru. Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-fehma illi l-*Montreal Convention* għandha tkun applikabbli.

Is-soċjeta´ konvenuta rreferiet għall-artikolu 18 (2) ta´ tali Konvenzjoni illi jipprovdi illi "*However, the carrier is not liable if and to the extent it proves that the destruction, or loss of, or damage to, the cargo resulted from one or more of the following: (b) defective packing of that cargo performed by a person other than the carrier or its servants or agents*." B´dan illi dan it-Tribunal jirreferi għax-xhieda ta´ Jimmy Cutajar tal-14 ta´ Jannar 2022 meta stqarr illi "*Billi ahna Freight forwarders ahna nixtru s-servizz minn ghand third parties. U t-third party in this case huwa C & C Express*" (a fol. 45). Tali xhieda turi b´mod ċar illi s-soċjeta´ kjamat in kawża u ċioe´ lil C&C Express Limited (C 32212) u li tuża s-servizzi tat-TNT hi l-aġent tas-soċjeta´ konvenuta.

Ukoll, mill-affidavit ta´ Michael Quattromani, illi hu Operations Manager tas-soċjeta´ konvenuta, jidher illi s-soċjeta´ konvenuta kienet ħadet żball fin-numru tal-kaxxi peress illi hu qal illi *"intbghat booking ghall-kollezzjoni ta´ erbatax (14)- il kartun minflok himstax (15)-il kartun"* (a fol. 58). Ukoll, meta xehed Jimmy Cutajar fit-28 ta´ Novembru 2022 meta intqal is-segwenti (a fol. 110):

*"Dr. Anthea D´Anastasi: Tajjeb? Issa mela jekk joghgbok tista´ tindikalna fuq dik il-karta li hija r-receiver pays form kemm-il kaxxa hemm?*
*Xhud: Fuq dik hemm erbatax (14)*
*Dr. Anthea D´Anastasi: Ok. U tikkonfermali li dawk l-erbatax (14) il-kaxxa waslu?*
*Xhud: Nikkonferma li erbatax (14) waslu.*
*Dr. Andrew Grima: Din il-formola li qed imssemmi, receivers...*
*Xhud: ...pay form*
*Dr. Andrew Grima: X´inhi ezatament?*
*Xhud:Mela dik qed nawtorizzaw lil TNT biex jaghmel kollezzjoni on behalf of us and the client.*
*Dr. Andrew Grima: U min jimlija dik?*
*Xhud: Jimlija ahna bhala Global Freight, il-kollega tieghi."*

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-opinjoni li s-soċjeta´ konvenuta hi responsabbli unikament għad-danni sofferti mis-soċjeta´ attriċi.

<u>Ammont ta´ danni sofferti mis-soċjeta´ attriċi</u>

Is-soċjeta´ attriċi indikat fit-talba ippreżentat fl-1 ta´ Diċembru 2020 (a fol 1 et seq) l-ammont ta´ danni soffert illi huwa ta´ elfejn u erba´ mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2427.60). Tul il-proċess, dan l-ammont ma kienx punt ta´ kontestazzjoni bejn il-partijiet ħlief fit-trattazzjoni finali.

Biss pero´ dan it-Tribunal ma setax jifhem kif is-soċjeta´ attriċi wasslet li l-ammont ta´ danni soffert huwa ta´ elfejn u erba´ mija u sebgħa u għoxrin Ewro u sittin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2427.60). Mill-evidenza prodotta jidher illi l-kaxxa tal-mediċina illi s-soċjeta´ attriċi ma rċevietx hi Nelya, hekk skond fol. 71 u kif seta´ dan it-Tribunal jifhem mill-evidenza prodotta quddiemu. Jidher ukoll illi l-quotation għal tali kaxxa hu elf u għoxrin Ewro (Eur 1020) (a fol. 36).

Għaldaqstant, dan it-Tribunal hu tal-opinjoni li s-soċjeta´ konvenuta hi responsabbli unikament għad-danni sofferti mis-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf u għoxrin Ewro (Eur 1020) u bl-imgħax legali li beda´ jiddekorri mit-18 t´ Awwissu 2020 u dan *stante* minn dakinhar illi s-soċjeta´ attriċi bdiet titlob id-danni sofferti minnha għall-kaxxa illi kienet iddikjarata mitlufa mit-12 t´Awwissu 2020 (a fol. 28) u allura minn dakinhar illi l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita *stante* illi ma hemmx dubju illi tali tranżazzjoni bejn il-partijiet hi ta´ natura kummerċjali. Dan l-imgħax qed jingħata skond il-Liġi skond Artikolu 1141 tal-Kap. 16 illi jipprovdi illi *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita."*

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tas-soċjeta´ attriċi għad-danni sofferti mis-soċjeta´ attriċi għall-ammont ta´ elf u għoxrin Ewro (Eur 1020) u bl-imgħax legali li beda´ jiddekorri mit-18 t´ Awwissu 2020 u li huma a karigu tas-soċjeta´ konvenuta. L-ispejjeż gudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma tliet kwarti a kariku tas-soċjeta´ konvenuta u kwart a kariku tas-soċjeta´ attriċi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur